# Ittra ta' Informazzjoni u Talba għal Permess biex titwettaq ir-Riċerka.

# Indirizzata lill-Kap tal-Iskola/Organizzazzjoni/Istitut

# — Mudell —

1. Jekk jogħġbok innota li dan il-mudell huwa maħsub biex jassisti lir-riċerkatur fit-tfassil tal-ittra ta' informazzjoni u t-talba għal permess biex titwettaq riċerka indirizzata lill-Kap tal-Iskola, l-Organizzazzjoni jew l-Istitut.
2. Dan il-mudell jikkonsisti f'żewġ partijiet: l-ittra ta' informazzjoni u t-talba għal permess biex titwettaq ir-riċerka.
3. Il-mudell fih spjegazzjonijiet fil-parentesi li huma maħsuba biex jiggwidaw lir-riċerkatur, u m'għandhomx jiġu inklużi fl-ittra.

## Ittra ta' Informazzjoni u Talba għal Permess biex titwettaq ir-Riċerka Indirizzata lill-Kap tal-Iskola/Organizzazzjoni/Istitut

[Fil-post tal-Kap tal-Iskola/Organizzazzjoni/Istitut jekk jogħġbok ikteb l-isem tal-persuna/i li tixtieq tindirizza.]

**Isem ir-Riċerkatur:** ___

**Titolu tar-Riċerka:** ___

## L-ewwel parti : Skeda ta' Informazzjoni

**Introduzzjoni**

[Fil-qosor iddikjara min int, x'inhu l-iskop tar-riċerka tiegħek (pereżempju, proġett ta' riċerka bħala parti mit-twettiq ta' lawrja, minn liema istituzzjoni edukattiva ogħla), u dak li qed tirriċerka. Iddikjara wkoll min hu t-tutur/is-superviżur tiegħek.]

**L-Għan tar-Riċerka**

[Spjega l-mistoqsija tar-riċerka tiegħek f'termini sempliċi u ċari b'mod li tkkjarifika x'inhi r-riċerka tiegħek u x'biħsiebek tistabbilixxi — Evita l-użu ta' lingwaġġ tekniku jew professjonali kumpless.]

**Tip ta' Intervent/Proċedura ta' Riċerka**

[Ipprovdi introduzzjoni qasira għall-format tal-istudju ta' riċerka. Jekk ir-riċerka tiegħek tinvolvi osservazzjoni, spjega fil-qosor x'se tkun qed tosserva u għal liema raġunijiet. Jekk ir-riċerka tiegħek tinvolvi focus groups, intervisti, jew kwestjonarji, spjega fil-qosor it-tip ta' mistoqsijiet li l-parteċipanti x'aktarx ikunu qed iwieġbu, u jekk il-mistoqsijiet jistgħux ikunu ta' natura sensittiva jew jistgħux potenzjalment jikkawżaw imbarazzament. Ikkjarifika li l-parteċipant se jiġi infurmat dwar dan. Jista' jkun utli għall-Kap tal-Iskola, Organizzazzjoni, jew Istitut li jkunu jafu mill-bidu nett dak li r-riċerka tinvolvi. Jekk ir-riċerkatur għandu l-intenzjoni li juża ritratti, reġistrazzjonijiet awdjo/vidjo, il-Kap tal-Iskola, l-Organizzazzjoni, jew l-Istitut għandu jiġi infurmat ukoll f'dan l-istadju.]

**Għażla tal-Parteċipanti**

[Indika għaliex għażilt dan il-grupp speċifiku biex jipparteċipa fir-riċerka. Il-Kap tal-Iskola, l-Organizzazzjoni jew l-Istitut jista' jistaqsi għaliex intgħażel dan il-grupp speċifiku u jista' jkun li jħossu kkonċernat dwar dan.]

**Parteċipazzjoni Volontarja — Dritt ta' Rifjut jew Irtirar**

[Indika b'mod ċar li l-parteċipanti prospettivi jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw jew inkella le, u li m'għandhomx għalfejn jieħdu sehem fir-riċerka jekk ma jixtiqux jagħmlu dan. Assigura lill-Kap tal-Iskola, l-Organizzazzjoni jew l-Istitut li jekk il-parteċipanti jagħżlu li jipparteċipaw jew inkella le, dan mhux se jkun qed jaffettwa ħażin lilhom b'xi mod jew ieħor. Iddikjara b'mod ċar li l-parteċipanti jistgħu jagħżlu li jieqfu jipparteċipaw fir-riċerka fi kwalunkwe ħin u mingħajr ebda konsegwenza.]

**Tul ta' żmien**

[Inkludi dikjarazzjoni dwar it-tul ta' żmien li l-impenn tar-riċerka tiegħek mistenni li jieħu fl-Iskola, l-Organizzazzjoni, jew l-Istitut.]

**Riskji u Benefiċċji**

[Spjega u ddeskrivi kwalunkwe riskju li inti tantiċipa jew li huwa possibbli. Barra minn hekk, spjega fil-qosor u ddeskrivi l-benefiċċji tal-proġett ta' riċerka u kif minnu jistgħu jgawdu l-individwi, il-komunità li għaliha jappartjenu, jew is-soċjetà kollha kemm hi.]

**Kunfidenzjalità**

[Spjega kif ir-riċerkatur se jżomm il-kunfidenzjalità tad-dejta fir-rigward tal-informazzjoni personali tal-parteċipant kif ukoll dik l-informazzjoni li l-parteċipant jikkondividi, min għandu aċċess għad-dejta, u għal kemm żmien ser tinżamm din id-dejta. Spjega li, f'każijiet fejn ir-riċerka hija sensittiva jew tinvolvi parteċipanti li huma vulnerabbli, se jkunu qed jittieħdu prekawzjonijiet addizzjonali biex jiġu assigurati s-sikurezza u l-anonimità. Inkludi dikjarazzjoni fejn tgħid li l-parteċipanti tar-riċerka se jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, skont il-Kapitolu 586 tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) (UE2016/679), biex jaċċessaw, jirrettifikaw jew iħassru d-data li tikkonċernahom.]

**Il-Kondiviżjoni tar-Riżultati**

[Għandu jiġi pprovdut il-pjan tiegħek għall-kondiviżjoni tas-sejbiet mal-parteċipanti u l-Kap tal-Iskola, l-Organizzazzjoni jew l-Istitut. Tista' tinforma wkoll lill-Kap tal-Iskola, l-Organizzazzjoni jew l-Istitut li s-sejbiet tar-riċerka se jiġu kondiviżi b'mod aktar wiesa', pereżempju, permezz ta' pubblikazzjonijiet u konferenzi.]

## It-tieni parti: Talba għal Permess għat-twettiq tar-riċerka.

[F'din il-parti

- Inti se titlob permess biex tosserva, twettaq intervisti jew focus groups, jew tamministra kwestjonarji. Iddikkjara ma' min għandek il-ħsieb li twettaq ir-riċerka.
- Iddikjara b'mod ċar jekk biħsiebek tieħu ritratti, jew tirrekordja s-sessjonijiet bl-awdjo jew bil-vidjo.

- Iddikjara wkoll li l-proġett ta’ riċerka dejjem se jirrispetta r-Regolamenti Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.
- Iddikjara wkoll li l-istudju ġie approvat mill-Kumitat tal-Etika tar-Riċerka tal-MEYR fi ħdan it-Taqsima tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni Interna tal-Iskejjel (Jekk jogħġbok ehmeż l-Ittra ta’ Awtorizzazzjoni).
- Ipprovdi l-informazzjoni tal-kuntatt tiegħek, u l-isem u l-informazzjoni tal-kuntatt tas-superviżur akkademiku tiegħek (fejn applikabbli).
- Irringrazzja lill-Kap tal-Iskola, l-Organizzazzjoni jew l-Istitut bil-quddiem għall-kooperazzjoni tagħhom.]

---

| Isem tar-Riċerkatur | Firma tar-Riċerkatur | Data |
| --- | --- | --- |